# Lil Binti Waqt Errejd

## Poeżija ta’ Rużar Briffa



Preżentazzjoni mħejjija minn Ann Marie Schembri



Orqod, binti, orqod,

Għalik barka, mistrieħ;

Dik mhix sirena, ruħi,

Dak it-twerżiq tar-riħ.



**Orqod, binti, orqod,**
**Għalik il-kenn tad-dar;**
**Dawk mhumiex serċlajts, bombi,**
**Dak biss hu logħ'b tan-nar.**



**Orqod, binti, orqod,**
**Għalik ir-risq bla qies;**
**Dak mhux tnehid u biki,**
**Dak biss il-għors tan-nies.**

Orqod, binti, orqod,

Għalik issa l-mistrieħ;

Dik mhix sirena, binti,

Dak qed ibatti r-riħ.

